# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħa u sittin (67) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, 2011 fil-Bini Amministrattiv tal-KLM fis-7:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Qabel ma bdiet is-seduta, kellna żjara minn rappreżentanti tas-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju**, fejn dawn ippreżentaw uffiċjalment il-*logo* tal-mitt sena (din is-sena) mit-twaqqif tas-soċjetà, lill-KLM. Peress li din ħadet xi ftit fit-tul, din is-seduta bdiet ftit tard.

2. Tliet żgħażagħ li qed jiffurmaw il-**Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ** ġew ukoll mistiedna mis-sindku sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom f'din il-laqgħa. Il-KLM kien infurmat illi qed isiru laqgħat formali mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ li jittieħdulhom il-minuti biex ukoll jinżammu fl-arkivji tal-KLM. Dawn il-laqgħat qed isiru fil-Bini Amministrattiv tal-KLM u/jew xi mkien ieħor f'każ li ma jilħqux l-uffiċċju miftuħ, jiġifieri wara s-6:00pm. Infatti intqal li għada se tinżamm is-seba' laqgħa. Is-sindku qal li dawn issa waslu fl-istadju fejn se jitressaq proġett fi ħdan l-awtoritajiet u eventwalment se jkun parti mill-aġenda tagħna. Hu qal li mingħajr ma nfluwenzahom, tahom ħjiel ta' dak li jista' jsir fir-raħal, u jekk il-proġett ikun daqstant imħejji sew, nistgħu nikkwalifikaw biex ningħataw €10,000. Infatti Noel Galea ssuġġerixxa illi jitpoġġa *plasma TV* f'post prominenti fir-raħal li minnu wieħed ikun jista' jsegwi l-attivitajiet tal-KLM, *tourist information office* eċċ. Peress li dan ikun jinħtieġ provista tal-elettriku, is-segretarju eżekuttiv qal li jekk proġett bħal dan se jseħħ fil-pjazza tar-raħal u jkollna bilfors inġibu provista tal-elettriku, il-*meter* ikun jista' jservi biex jagħmlu użu minnu għaqdiet oħra u l-KLM stess meta jiġu biex jorganizzaw attivitajiet bħal purċissjonijiet u saħansitra kampanja bħalma kienet suġġerita fis-27 ta' Frar, 2011. Xi ħaġa oħra li kienet suġġerita mis-sindku, kienet it-tpoġġija ta' *cctv cameras* fil-Pjazza tal-Knisja. Intant dawn iż-żgħażagħ se jkunu qed jorganizzaw *disco*.

3. Il-laqgħa tal-KLM bdiet fis-7:20pm.

4. Is-sindku qal it-talba u l-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu ċirkulati b'*e-mail* lill-kunsillieri jiem qabel din il-laqgħa u meħuda bħala moqrija. Dawn ġew approvati u ffirmati.

**Punti mill-minuti:**

5. Dwar l-***istaff meeting*** u l-punt fejn issemma li s-sindku qed jagħmel ix-xogħol tal-impjegati, is-segretarju eżekuttiv staqsa lis-sindku għan-nom tal-impjegati biex jispeċifika liema huma t-*tasks* li suppost qed isiru minnhom u li qed jagħmilhom hu. Barra minn hekk is-segretarju eżekuttiv qal li l-mod kif kienu amendati l-minuti mis-sindku qabel ġew ċirkulati, jimplika li hu mhux qed iqassam ix-xogħol lill-iskrivani. Għaldaqstant staqsa jekk hux qed ikun mitlub ukoll jiddokumenta (permezz ta' *e-mail*) it-tqassim tax-xogħol fl-uffiċċju. Is-sindku qal li meta jkun hemm talba lid-dipartimenti qed ikun hu li jagħmel *follow up* tal-każi, mentri fil-fatt din suppost issir mill-impjegati. Dan għaliex fl-uffiċċju minkejja li żdied ix-xogħol, żdiedu l-ħaddiema. Hu qal illi sakemm ilment ikun '*settled'* l-impjegati hu mitlub minnhom sabiex isegwuh. Is-sindku qal li jidher li hemm irwoli bħal fil-każ ta' Valerie Galea li tieħu ħsieb l-*e-mails* u l-aġġornament tal-*web-site* u Mersia Mackay li tieħu ħsieb il-fuljett u l-ilmenti, madankollu jħoss li l-iskrivani għandhom jagħtu *feedback* bħalma għandhom jagħtuna l-ħaddiema tal-*IPSL*. Nicholas Briffa qal li jaħseb li wasal iż-żmien li jsir *priority register* filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li jrid ikun hemm *hand-over* tajba minn per eżempju Mersia Mackay għal Valerie Galea x'ħin din tiġi biex titlaq wara nofs-in-nhar. Hija sostniet illi meta xi ħadd mill-iskrivani ma jiġix, l-ieħor irid jagħmel ix-xogħol tiegħu ħalli ma jaqgħax lura. Peress li

ssemmew każijiet speċifiċi ta' lmenti /telefonati /eċċ li qed jieħdu wkoll ħafna mill-enerġija tax-xogħol tal-uffiċċju, dawn mhux qed ikunu mniżżla f'dawn il-minuti.

6. Dwar il-**kostruzzjoni ta' toroq,** is-sindku qal illi bħal issa qed issir il-kostruzzjoni ta' bankina fi Triq Ġiacomo Tortella. Żied jgħid ukoll li kellu bżonn isir *gutter* biex iħabbat it-*tarmac* miegħu u peress li l-*area* hija kbira, l-*gutter* se jkun wiesgħa metru. Hawn intemm l-eżerċizzju ta' formazzjoni tat-triq minkejja d-diffikultajiet tal-livelli diversi tad-djar eżistenti. Is-sindku qal illi fi Triq Annetto Caruana ix-xogħol tal-ilma lest kollu. Intant is-sindku talab lill-kunsillieri sabiex jitneħħa parti minn ħajt viċin il-ħanut tal-*Maypole*, fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, ħalli minn floku ssir *central strip* u fiha jitpoġġew xi arbuxxelli. Il-KLM kien unanimu għal din il-proposta u se jitneħħa waqt li jkun qed isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni.

7. Dwar il-***cables*** **tal-elettriku** biex jgħaddu minn taħt l-art fil-Pjazza tal-Knisja, is-sindku qal li ħareġ il-permess. Il-kuntrattur *Asfaltar Ltd* se jqabbad kuntrattur hu (*sub-contractor*) biex dan it-tħaffir isir minn persuni li s-soltu jagħmlu xogħol ta' tqegħid ta' *cables* tal-elettriku. Għal proposta li dawn il-*cables* iridu jitilgħu imbgħad għal mal-*overhead cables*, dawn se jitilgħu wieħed mal-ħanut *Pineapple*, l-ieħor viċin il-Każin tal-PN u l-ieħor mal-Każin tal-PL. Dwar dan, Nicholas Briffa saħaq biex dawn ikunu ta' kulur li jmur mal-ġebla Maltija u mhux suwed. Is-sindku qal li aktar 'il quddiem wieħed ikun jista' jgħattihom b'materjal addattat ħalli ma tantx ikunu ta' *eye-sore*.

8. Is-sindku informa lill-KLM li s-segretarju eżekuttiv issottometta l-applikazzjoni għand il-*MEPA* biex napplikaw għall-**Fond għat-Titjib Urban** biex insostnu parti mill-proġett ta' kisi ta' Triq il-Fjuri u l-Isqaqien. Intant l-istima qabżet il-€50,000, u ntbagħtet ukoll forma ta' *soft copy* kif talbuna l-uffiċjali tal-*MEPA*.

9. Fil-jiem li għaddew saret **talba oħra** formali lis-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Dr Chris Said sabiex ningħataw €30,000 oħra biex ikunu investiti fit-toroq.

10. Dwar l-iżviluppi fil-**Kumitat Konġunt tal-Infurzar tal-Liġi**, is-sindku qal li llum din kienet suġġett għad-diskussjoni fil-laqgħa li kellu eżattament qabel din il-laqgħa tal-Kumitat tar-Reġjun. Intant dwar l-offerta tal-gwardjani lokali li preżentement qed tiġi evalwata indaħal id-Dipartiment tal-Kuntratti minħabba *bidder* minnhom, jiġifieri *Aurelia*, kienu mitluba li jkollhom ħames snin esperjenza li fil-fatt m'għandhomx u ħassewhom aggravati minn din ir-rikjesta. Hawn issemmiet l-**offerta tal-iskart** fejn intlaqgħet it-talba tas-Sur Joseph Zammit biex jieħu żieda €1 kuljum sabiex tagħmel tajjeb għat-toroq ġodda fir-raħal u ż-żieda tal-familji. Dwar l-appell, Charles Farrugia qal li jaqbel illi nistennew ir-risposta tas-Sur Salvu Debono biex inkunu f'pożizzjoni li nipproċedu b'kawtela anke bil-possibilità illi jitqabbad avukat mill-Kunsilli Lokali tal-Imqabba u ta' Ħal Safi li jkun speċjalizzat f'dan il-qasam.

11. Dwar ix-xogħol ordnat għand *Kargo Aluminium* biex iħejji twavel ħalli dawn jitwaħħlu mal-**istruttura** ta' lqugħ li ġiet imwaqqfa fil-**Ġnien tal-Ġibju**, is-sindku qal li x-xogħol miexi sew u dan il-fornitur, li ta reklam ta' €50 biex setgħa jiġi mtella' l-*party* tat-tfal fil-Milied, se jipprovdina b'dawn it-twavel ħalli nwaħħluhom fil-post bħala parti mill-*embellishment* tiegħu.

12. Għall-proġett li għandu l-KLM biex jitwaqqa' **ħajt tal-franka** biswit ix-xatba tal-**Ajruport Internazzjonali ta' Malta** u jitnaddaf dan is-sit, l-Inġinier Dalmas qal li l-istima mħejjija mill-perit tal-KLM rawha għolja u għalhekk se joħorġu l-offerta huma.

13. Bħala evalwazzjoni għal-**laqgħa pubblika**, liema minuti kienu mħejjija mis-segretarju eżekuttiv, kien hemm kummenti ġenerali bħal dik tal-proposta biex jitbaxxa **ċ-ċint fl-inħawi tas-Sejba**. Madankollu n-nuqqas ta' attendenza kien attribwit għall-fatt illi l-akbar inkwiet tan-nies huma l-ilmenti personali tagħhom li fil-fatt biex jagħmluhom ma joqogħdux jistennew il-laqgħa pubblika. Madankollu intqal li forsi l-ħin u l-ġurnata ma kienux dawk idejali. Kien hemm proposta biex sena oħra nikkunsidraw li din tinżamm taħt tinda fil-Pjazza tal-Knisja u l-ġurnata tkun il-Ħadd filgħodu. Proposta oħra li kien hemm kienet tissuġġerixxi biex il-laqgħa pubblika tkun amalgamata mal-Assemblea Lokali li tinżamm kull sena fil-ġimgħa Mqabbija.

14. Għall-**attività** lil ser jorganizza l-Kunsill Lokali Mqabba nhar il-Ħadd, 27 ta' Frar 2011, fil-Pjazza tal-Knisja biex iqajjem aktar kuxjenza u jeduka aktar dwar is-**separar tal-iskart**, kienu mistiedna wkoll il-*Junior Clubs* tal-Każini tal-Banda. Minkejja dan, għad m'għandniex risposta jekk dawn hux se jagħtu daqqa t'id jew le. Se nitolbu wkoll lill-*WastServ Malta Ltd* biex jgħinuna f'din l-attività u bħala attrazzjoni se jkun hemm esebizzjoni b'wirja mill-falkunier Rennie Scicluna.

**Comment [T1]:** Chanel brincat or busuttil cbusuttil@wasteservmalta.com 23858224

**Comment [T2]:** 79497274

15. Dwar l-*awarding* tal-kwotazzjoni tal-**istampar tal-fuljett**, li ħarġet fil-ġimgħat li għaddew, is-segretarju eżekuttiv għamel kuntatt ma' ***Veritas Press***, jiġifieri l-orħos *bidder*, u dan qalilna li se jidħol għal kwalunkwe xogħol fis-settjar u l-istampar u jkun jinħtieġ biss l-artikli tal-kunsillieri miktuba bil-fonts tal-Malti. Dwar is-*sample* tal-karta li pprovda hija simili għall-karta li fuqha kien qed ikun stampat il-fuljett.

16. Kienu approvati l-**Estimi Finanzjarji għas-sena 2011** kif amendati mill-KLM fis-seduta preċedenti kif kienet ukoll approvata iċ-**ċedola tal-pagamenti** numru 406.

17. Is-sindku informa lill-KLM illi l-kappillan aċċetta l-istedina tagħna li kienet ukoll stedina tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għan nom tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, illi **organisti barranin** jitħallew idoqqu l-orgni tal-Parroċċa tal-Imqabba.

18. Peress li ma kellna l-ebda reazzjoni dwar id-dħul tal-***Bye-Law*** li se tipprojbixxi fliexken miftuħa (mhux tal-plastik) jew tazzi tal-ħġieġ f'postijiet pubbliċi, il-KLM iddeċieda li jagħmel avviżi biex dawn jitqassmu fil-ħwienet kif fil-fatt il-ħwienet u l-*bars* tal-każini huma obbligati li jagħmlu.

19. S'issa għadna ma nafux jekk hux se tiġi revokata l-multa li weħel il-KLM mill-Gvern Ċentrali fl-allokazzjoni finanzjarja peress li l-***financial statements*** **tas-sena** ***2009*** ma kienux aċċettati fil-format li ntbagħtu oriġinalment u dawk kellhom isiru mill-*accountant* li ngaġġa tard matul is-sena l-oħra. Intant kienu ċirkulati permezz ta' *e-mail* il-***financial statements*** **tas-sena** ***2010*** li se jkunu mgħoddija lill-*accountant* ħalli jagħmel il-korrezzjonijiet li hemm bżonn qabel ma dawn ikunu mgħoddija lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur.

20. Fi tmiem is-seduta Charles Farrugia ppropona mera fi Triq Ħal Kirkop faċċata ta' Sqaq is-Serer.

21. Is-sindku semma l-laqgħa li għaliha kienu preżenti kemm hu kif ukoll is-segretarju eżekuttiv u li kienet imsejħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll mill-**Awtorità Maltija dwar l-Istandards**, fejn fiha ingħataw dettalji dwar il-***playing fields*** biex dawn ikunu ħielsa mill-perikli. Peress li qed ikun antiċipat illi l-apparat li għandna aħna f'Misraħ il-Fidwa mhux se jilħaq ma' dawn l-aspettattivi, allura se jkollna nibdlu xi apparat antik u/jew jinqala' xi apparat ieħor biex nosservaw aktar is-saħħa u s-sigurtà tat-tfal. Waħda mill-affarijiet li jonqos li jsir huwa it-tapit taħt xi apparat tal-logħob.

22. Dwar il-ftuħ tal-wirja tal-arti minn Annemarie Hoogvliet Weijers, is-sindku qal illi din aktarx se tinzerta mar-referendu tad-divorzju. Għaldaqstant se naraw jekk hija tistax tkun disponibbli l-Ħadd 17 ta' April 2011 fil-11.00 wara l-quddies ta' filgħodu, liema ħin hu addattat minn bosta li se jkunu mistiedna għall-ftuħ.

23. Is-sindku ppreżenta lill-KLM kont ta' *Asfaltar Ltd* ta' xogħol ta' ***patching*** **estensiv** li sar bil-*hot tarmac* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn il-ġibjun, li jammonta għal-€1,370 u ieħor ta' *management fees* fuq xogħol tal-ilma li sar fit-toroq f'dawn l-aħħar tminn xhur li jammonta għal €1,500. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub mis-sindku sabiex jivverifika jekk dan il-kont hux ġust li jinħareġ fuqna mal-*Operations Manager*, is-Sur Saviour Baldacchino tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

24. Sa nhar is-7 ta' Marzu 2011, is-sindku qal li l-KLM għandu ċans sakemm jinnomina lill-anzjan Imqabbi għal premju organizzat minn *Care Malta Ltd* magħruf bħala in-***Nazzareno Vassallo Award***. Il-KLM qabel unanimament illi jinnomina lis-Surmast Tonna f'każ li hu jaċċetta l-proposta tagħna.

25. Is-sindku nforma ‘l dawk preżenti li l-applikazzjoni tiegħu mal-*Planning and Priority Department* biex isir ***embellishment* ta’ Pjazza Ġublew tad-Djamanti** filwaqt li tiħejja *Heritage Trail*, kienet trattata fuq il-lista tar-riżerva. Dan ifisser li jekk taqa’ xi applikazzjoni minn ta’ qabilna, inkunu nistgħu nwettqu dan il-proġett.

26. Intbgħat il-**kont lill-Korporazzjoni Enemalta** sabiex nirkupraw l-ispejjeż tar-*reinstatement* tat-trinka li saret mar-*resurfacing* tat-toroq mill-kuntrattur tagħna. Dan ix-xogħol twettaq fi Triq il-Kileb u Triq iċ-Ċavi biex għaddew minnhom il-*cables* tas-*substation* il-ġdida li nbniet fl-Isptar il-Qadim, mill-korporazzjoni.

27. Kienu irrifjutati żewġ stediniet. Waħda biex nieħdu sehem fi **programm fuq TVM** u l-oħra biex norganizzaw ***konkors tal-karaoke*** fir-raħal tagħna, li minkejja li xtaqna nidħlu għalihom kienu se jiswewlna ħafna flus.

28. Għall-offerta ta’ **siġar mill-*PARKS*** lill-KLM is-segretarju eżekuttiv qal li hu jaħseb li spazju fir-raħal fejn jitħawwlu fadal biss Triq il-Belt Valletta, fejn hemm il-konok bis-siġar neqsin, s-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, minn fejn inqalgħu is-siġar li tħawwlu f’Ta’ Kandja, kif ukoll is-sit tal-aħħar. Il-KLM ikkunsidra t-tħawwil ta’ siġar taż-żebbuġ fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija u jaħseb illi aħjar ma jkunx hemm żebbuġ f’dan is-sit għaliex meta l-frott joqgħod jaqa’ fit-triq, iħammeġ wisq.

29. Dwar il-**kotba għal-librerija** u l-*e-mails* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, intqal illi l-aħħar xiri ta’ kotba sar mingħand *Miller Distributors Ltd* u fil-fatt l-aħħar ftit mar għalihom is-segretarju eżekuttiv din il-ġimgħa kif ukoll mar bil-lista ta’ kotba l-Librerija ta’ Beltissebħ biex dawn ikunu reġistrati. Dwar il-***vouchers*** li ingħatajna fil-preżentazzjoni li kienet saret lis-sindki, se naraw jekk dawn issarfux u f’każ li d-dipartiment jagħtina ċans, nixtru kotba oħra ta’ pubblikaturi Maltin mingħand *Merlin Library*.

30. Issemma l-każ li fih kien imdaħħal l-***Ombudsman***, jiġifieri dak ta’ proposta ta’ **parkeġġi** aboliti fi **Triq Mikelanġ Sapiano.** Ir-*ruling* ta’ *Transport Malta (TM)* kien kontestat minn waħda minn dawn iż-żewġ familji. Wara nuqqas ta’ *follow up* mingħand l-avukat ta’ din il-familja, l-KLM insista mal-*Ombudsman* li se jwettaq dak li kien approvat minn *TM*. Is-sindku qal li dan sar meta hu avviċina lill-istess *Ombudsman* fil-laqgħa tas-sindki, u għaldaqstant kien deċiż li nhar it-Tnejn 21 ta’ Frar 2011, il-KLM jipproċedi bil-*yellow line*.

31. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm u dik li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta, 1 ta’ Marzu, fis-6:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>____ */03 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |